# IS-SURMAST ADEODATO GATT U L-BANDA LA VITTORIA 1948 - 1952

Datu Gatt kif kien magħruf fostna, twieled u trabba Ħaż-Żebbuġ u ta' età żgħira kellu ġibda speċjali fl-istudju tal-mużika, fejn dan hu żvillupah għand ħuh Mikiel Gatt li għal xi żmien kien Surmast tal-Banda "SanFilep" ta' Ħaż-Żebbuġ. Adeodato bħala student għadda 'l quddiem fl-istudju tiegħu b'ħeffa kbira u aktar ma kiber kompla kors għand is-Surmast Ġużè Abdilla, minn fejn kiseb il-perfezzjoni bħala kompożitur u direttur fl-arti mużikali u bl-akbar ħila mexxa diversi Baned Maltin.

Is-Surmast Adeodato Gatt sar midħla tagħna fl-1948,meta s-Surmast Willy Attard kellu jħalli l-Banda minħabba raġunijiet personali. Kien sewwa sew nhar il-5 ta' Ġunju 1948, meta s-Surmast Gatt ħa uffiċċjalment f'idejh il-Banda "La Vittoria". F'inqas minn sena fostna rnexxielu jipprepara l-Banda "La Vittoria" u l-Banda "SanFilep" ta'Ħaż-Żebbuġ peress li kien Surmast tat-tnejn, sabiex nhar l-24 ta' April 1949 għamlu Programm Mużikali "Massed Band" fil-Mellieħa u aktar tard saru tnejn oħra, f'Ħaż-Żebbuġ u ieħor f'San Anton.

Wara dan is-suċċess is-Surmast Datu beda tħejjijiet kbar biex il-banda tagħmel it-Tieni mawra fi Sqallija, din id-darba f'Catania. Fi żmien qasir wara tant sagrifiċċju, hema l-Banda fil-kunċerti u meta waslu l-mumenti tal-prova kiseb kull suċċess li kien jistħoqqlu.

Il-banda waslet Catania fid-29 ta' Lulju 1949 u fit-8.30 ta' filgħodu poġġiet kuruna fuq il-qabar ta'Vinċenzo Bellini u wara ġie mogħti riċeviment mis-Sindku ta' Catania fil-"Palazzo del Municipio", fejn ġiet mogħtija lill-Banda Bandalora bl-emblema ta' Catania u wara ndaqqu l-Innu ta'Mameli, l-Innu Malti u l-"God Save the King". L-għada l-Ħadd, fid-9.00 ta' filgħaxija fil-Ġonna ta' Villa Bellini ġie esegwit dan il-Programm Mużikali li kiseb l-ammirazzjoni ta' kulħadd u ġie mfaħħar anke fil-gazzetti Sqallin

| | | |
|---|---|---|
| A. Gatt | Omaggio alla Filarmonika Vittoria | Marcia Sinfonica |
| G. Verdi | I Vespri Siciliani | Sinfonia |
| V. Bellini | Norma | Selection |
| Ciliea | Adriana | Selection |
| Balfe | Bohemian Girl | Sinfonia |

INNU MALTI INNU DI MAMELI
GOD SAVE THE KING

Wara dan is-suċċess f'art barranija u ftit tal-jiem ta'mistrieħ, il-Banda "La Vittoria" reġgħet lura Malta u kompliet bil-ħajja ta' kull jum biex taħseb għall-festa tal-Vitorja, minħabba li f'dawk iż-żminijiet l-Innu Mmortali "Lill-Verġni Mbierka" tas-Surmast Willy Attard kien għadu ser jindaqq għal Ħames sena fil-pubbliku. Dan l-Innu ddedikat lil Marija Bambina s-Surmast Adeodato Gatt ħabbtu ħames darbiet fl-Erba' snin u Ħames xhur li dan fostna bħala Surmast Direttur tal-Banda.

PROGRAMMI MUŻIKALI
LI
Il-Banda "VITTORIA"
Se' d-doqq taħt it-tregija
tas-Surmast Adeodato Gatt



Nhar is-6 u is-7 ta' Settembru 1948
F'Misraħ Il-"Parroċċa" Mellieħa

Min dak in-nhar li ħalla l-Banda sal-lum għaddew Disa u Tletin sena, u mill-10 ta' Mejju ta' 1966 sal-lum għaddew Ħamsa u Għoxrin sena minn meta ħalla lil kulħadd warajh jdomm il-memorji sbieħ tiegħu. Għalhekk kien bix-xieraq illum li s-Soċjetà Filarmonika La Vittoria issellem u trodd ħajr lil wieħed mis-Surmastrijiet il-Kbar tagħha, li għalkemm żmienu fostna kien ftit wisq, xorta waħda għamel kull ma setgħa sabiex kompla poġġa fil-għoli l-isem u l-ġieħ tal-Banda "La Vittoria" kemm f'Malta u f'Għawdex kif ukoll il-bogħod minn xtutna bis-sehem sħiħ ta' l-Għeżież Missirijietna.

**Joseph Cauchi**